## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 44/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Kontra**

**Johann Delicata.**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Johann Delicata detentur tal-karta tal-identita' 86579(M) li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 ta' Ġunju 2005 u matul l-aħħar tliet xhur ta' qabel dik id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-

Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta'

Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ġunju 2007 sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-Ordinanza Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu għal tmien (8) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900) liema multa tista' tiħallas b'rati mensili ta' ħamsin (50) Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar minn meta jiskonta s-sentenza b'dan illi jekk jonqos li jħallas xi pagament, il-bilanċ kollu jkun dovut minnufih u jista' jkun konvertit fi priġunerija. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Johann Delicata intavolat mill-appellant fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u **tirrevokaha** f'dik il-parti fejn kien deċiż li ma kienx japplika l-ewwel proviso tas-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fejn kienet erogata l-piena ta' tmien xhur priġunerija effettiva u multa ta' 900 Euro u konsegwentement **tvarjaha** in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat l-atti kollha processwali;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar 2019 li bih laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti tad-Droga skond l-artikolu 8 tal-Kapitolu 573 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni li rrefera l-każ lura lill-Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Settembru 2019 li bih il-Qorti ordnat li l-appell jerga' jitqiegħed fuq il-lista għas-smiegħ.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar sejbien ta' ammont ta' droga Kokaina fuq il-persuna tal-imputat u fil-vettura tieghu fl-ammont komplessiv ta' 9.402 grammi u konsistenti fi tmintax-il qartas. L-imputat kien intercettat mill-Pulizija wara li hareg minn gewwa bar f'Bugibba u fuqu instabu erba' mill-qratas. Minn tfittxija fil-vettura tieghu instabu l-qratas l-ohra u b'hekk l-prosekuzzjoni ghazlet li tixli lill-imputat sia bi traffikar tad-droga Kokaina kif ukoll bil-pussess taghha f'cirkostanzi li kienu juru li din ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-imputat spjega kif din kienet intiza sabiex tinqasam ma' shabu li kienu miftehmin li jaccedu fl-istess bar izda hu wasal qabel l-ohrajn u lkoll kienu ftehmu li jzomm id-droga hu peress li kien ser jasal l-ewwel fuq il-post ghaliex kien jispicca kmieni mix-xoghol;

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravam dwar l-apprezzament tal-provi u tal-ligi u iehor dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fl-ewwel aggravju, l-appellant jallega li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti kif ukoll interpretazzjoni hazina tal-ligi. Minkejja dan, huwa talab lil din

il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kwantu din sabet htija fih fiz-zewg imputazzjonijiet u kif postulat l-appell odjern allura ghandu jiftiehem li l-appellant qieghed jitlob li jkun applikat fil-konfront tieghu l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta u dan ghaliex l-ewwel Qorti naqset li tapprezza l-fatti b'mod li kien evidenti li l-imputat kien hati ta' dak komunement imsejjah *trafficking by sharing* fejn allura kienet tkun applikabbli fil-konfront tieghu sanzjoni li ma tkunx wahda karcerarja;

3. Illi, f'dan l-istadju, tajjeb li jkun mfakkar dak wisq drabi osservat minn din il-Qorti matul is-snin, anke jekk mhux fl-istess kliem, illi dak illi issa huwa soggett ghall-gudizzju mhux l-imputat izda s-sentenza tal-ewwel Qorti. Hija l-funzjoni ta' din il-Qorti bhala wahda revizorja, mhux li tara kif kienet tiddeciedi l-kaz hi li kienet minflok l-ewwel Qorti, izda li tara jekk dik tal-ewwel grad setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

4. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza tal-ewwel Qorti u wara li xtarret l-atti processwali hi tal-fehma illi s-sentenza appellata hija wahda inecepibbli. Minkejja dak li jallega l-appellant, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-fatti kif ukoll tal-ligi relevanti wara li kellha l-opportunita tisma' *viva voce* lill-imputat jispega r-raguni ghaliex instab dak l-ammont ta' droga fil-pussess tieghu. L-ewwel Qorti kellha kull dritt tqis bhala stramb certu fatturi kif prezentati mill-imputat u ma hemm xejn irragjonevoli dwar dan. L-ilment tal-imputat izda jestendi fuq il-mod kif inhu interpretat l-artikolu relevanti tal-ligi li bih setghet tkun konsiderata piena oltre dik karcerarja:- "*....l-esponent ma jaqbel xejn mal-mod drakonjan kif gie interpretat l-ewwel proviso*

*tas-subrtikolu (9) tal-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi mill-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali citata is-sentenza appellata, u naturalment u konsegwentement, mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha. L-esponent jemmen li wiehed ghandu jhares l-ispirtu tal-ligi iktar milli lejn l-ittra taghha*";

5. L-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 fis-subartikolu (9) tieghu llum jipprovdi hekk:

> (9) d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i).
>
> Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, <u>jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt,</u> il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu

Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti u maghmul biex juri l-kliem mizjud f'dan il-*proviso* permezz ta' Att XXXVI tal-2021. Dik iz-zieda taghti raguni ohra lill-Qorti sabiex ma tapplikax is-subartikolu (9) meta l-imputat ikun akkwista kwantita' zghira ta' droga fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tieghu biex tkun

kunsmata f'dak l-istess post, f'avveniment wiehed minghajr profitt. Naturalment dik id-diskrezzjoni partikolari ma kienetx ghad-disposizzjoni tal-ewwel Qorti meta ddecidiet il-kawza hawn skrutinata u din ser tittiehed in konsiderazzjoni bhala emenda li ghandha tmur favur l-imputat u dan in omagg ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fl-artikolu 27 : **'Jekk il- piena stabbilita mill-ligi li tkun fis-sehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet fis-sehh fiz-zmien li sar ir- reat ma jkunx xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi'.**

6. Illi mill-provi akkwiziti, jirrizulta illi fil-5 ta' Ġunju 2005 PC 10 Trevor Cassar Mallia u PS 1086 Johann Micallef osservaw lill-imputat miexi lejn bar, reġa' ħareġ minnu, mar ħdejn il-karozza tiegħu fejn tbaxxa ħdejn il-bieba. Il-Pulizija waqqfuh u sabu erba' sachets li wara nstab li kienu mimlijin bil-kokaina. Taħt ir-running board tal-vettura sabu erbatax-il sachet li wkoll irriżulta li kienu mimlija bil-kokaina. Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar ir-rizultanzi tal-espert forensiku l-ispiżjar Mario Mifsud li wara ezami tas-sustanza intercettata rriżulta li t-total ta' kokaina f'dawn il-boroż kien ta' 9.402 grammi b' purita' ta' 55.3%. Il-piż ħafna drabi huwa ta' jew aktar minn 0.515 (12-il darba) waqt li oħrajn kienu minn 0.230 'il fuq. F'borża minnhom kien hemm 0.676 grammi u f'oħra kien hemm 0.729. Frankament ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u dak li hu kontestat huwa r-raguni vantata mill-imputat biex jispjega ghaliex kellu dak l-ammont ta' droga fil-pussess tieghu;

7. Fi stqarrija minnu rilaxxjata u mhix kontestata, l-imputat kien stqarr li kien iżomm is-sachets għax kien juża l-kokaina u ġieli jaqsam ma' sħabu u nnega li kien ibiegħ il-kokaina. Il-kokaina kienet maqsuma f'pakketti differenti biex ikunu jafu kemm-il

waħda kienu ħadu. Huwa kien juża madwar erba' grammi fil-ġimgħa u nnega li kien jittraffika d-droga. Fid-deposizzjoni tiegħu quddiem l-ewwel Qorti (diversament preseduta) xehed illi kien qiegħed f'bar Bugibba jixrob ma' sħabu. Hu kien għadu qed jistennihom għax ma kienx għadu wasal kulħadd. Jum qabel hu u ħamest iħbieb kienu marru jixtru d-droga kokaina flimkien u aċċetta li jżommha hu. Kienu xtraw 18-il pakkett u kienu jħallsu madwar Lm35 l-gramma. Huwa kien ilu jieħu d-droga xi sitt xhur għalkemm kien ipprovaha qabel. Mill-4 pakketti li kienu fuqu parti minnhom kienet ta' ħabib tiegħu. Din ma kenitx l-ewwel darba li qasam il-kokaina ma' sħabu. Mhux dejjem kien iżommha hu d-droga u ma kienx semma lil ħbiebu għaliex ma riedx li jgħaddu mill-problemi li għadda hu. Xehed ukoll illi dakinhar kienu ser ikunu tmienja. Huwa tenna li kien ilu juża d-droga madwar sitt xhur [u l-Prosekuzzjoni kellha tigbidlu l-attenzjoni illi fil-pre-sentencing report kien hemm indikazzjoni li kien beda ta' 16-il sena u spjega illi ta' sittax-il sena kien daq id-droga imma bejn is-16-il sena u s-26 (meta nqabad) huwa kien jieħu sehem f'attivatijiet sportivi u għalhekk ma setax jieħu drogi].

8. Meta l-imputat rega xehed quddiem il-Magistrat decident kkonferma l-ewwel deposizzjoni tiegħu u qal li qabel ma kien arrestat kien ġo 'The Cave Bar.' Huwa kien ħa d-droga fuqu għax kien ser ikun l-ewwel wieħed fil-post u kienu jagħmlu din il-laqgħa xi darbtejn fix-xahar. Kienu marru 4 jixtru imma kienu xtraw 18-il pakkett għal kulħadd. Ġieli kienu jmorru numru ta' ħbieb flimkien biex hekk jaraw li ma jkunx hemm in-nieqes u ma joqogħdux iwaħħlu fih. U f'dan il-punt mistqosi mill-avukat tiegħu stess jekk hux dejjem kien wieħed mix-xerrejja, huwa wieġeb 'Lanqas qatt', dejjem kienu jixtru minn għand l-istess persuna u

gieli mar jixtri għalih waħdu. Dak in-nhar meta kien fil-ħanut waħdu, fuqu kellu tnejn biss u beda jieħu d-droga wara li wasal fil-bar. Malli l-ħabib tiegħu għarrfu li kien ġej huwa mar iġiblu d-droga tiegħu (tal-ħabib). Ġieli wkoll tahom iċ-ċavetta tal-karozza jekk ikunu għandu u jmorru iġibuhom. Zied jghid li l-bar kien magħruf mal-Pulizija u ħadd f'sensih ma kien ser iżomm dak l-ammont fuqu u kien jidħol waħdu u jevita li jidħol ma' ħaddieħor. Fil-karozza hu kien iħallihom fuq barra (fuq ir-running board) u dak li jkun seta' jmur bla ċavetta u kienu jghamlu hekk ta spiss jew iqieghdhom ġor-rimmijiet;

9. Issa, l-ewwel Qorti ma emnitx dawn il-verzjonijiet u spjegat fid-dettall ghaliex ma kientx qed temmen lill-imputat. Minn ezami akkurat tas-sentenza ma hemm xejn irragjonevoli fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti u kienet korretta din tal-ahhar meta kkonkludiet illi dawk il-fatti kienu jaqghu fid-definizzjoni wiesgha ta' traffikar kif postulata fil-Kaptiolu 101;

10. L-artikolu 22(1)(B) tal-Kap 101 jipprovdi illi

> *22(1)(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha)b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni,f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni,id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:'.*

11. Stabilita' l-htija tal-imputat, imbaghad, l-Qorti xtarret fid-detall jekk kienx applikabbli is-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-istess Kapitolu u dan mill-ottika tal-gurisprudenza in rigward.

12. Issa fejn l-aggravju jirreferi ghall-apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti kwantu l-artikolu 22(9), huwa bil-wisq evidenti illi l-ewwel Qorti strahet fuq l-insenjament ta' żewġ sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta. L-appellant jallega illi it-tifsira tal-artikolu 22(9) kif esposta f'dawk is-sentenzi hija wahda drakonjana u ma jaqbel xejn maghha. L-ewwel Qorti qablet mal-insenjament emergenti mis-sentenza **Il-Pulizija vs Russell Bugeja** tal-5 ta' Mejju 2008 fejn kien spjegat hekk:

> 'Huwa evidenti mid-diċitura tal-liġi li, apparti konsiderazzjonijiet oħra li l-qorti għandha tiżen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (**fosthom l-ammont** u x-**xorta ta' medicina involuta**, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tiġi, jew tkun ġiet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' għall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolinejaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjaħ "sharing" – **jigifieri li dak li jkollu id-droga intiża għalih** jiddeċiedi li jaqsamha ma' ħaddieħor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-liġi tagħna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil ħaddieħor – ċioe` jaqsamha ma' ħaddiehor – ikun qiegħed jipprovdi ("supply" fit-test Ingliż) dik id-droga għall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika

dik id-droga. **Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok każijiet żgħar u iżolati** ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga għaliha u taqsamha ma' ħaddieħor – tkun tista' (iżda mhux bilfors – għalhekk iridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ) tiġi evitata, għall-anqas għall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' priġunerija b'effett immedjat.'

13. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex ghandha tittenta tibdel din il-fehma li wara kollox hi msejsa fuq kjarifikazzjoni logika tal-istess proviso. Biz-zieda f'dan il-proviso kif spjegat *supra,* jigifieri bl-emenda introdotta bl-Att XXXVI tal-2021, twessghet id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti li ma tapplikax is-subartikolu (9) izda din il-Qorti gia ddikjarat li ma tara xejn censurabbli fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti meta ma emmnitx lill-imputat u konsegwentement la mhux emmnut meta jghid li d-droga kienet intiza biex tinqasam bejn shabu wara li xtraha ghan-nom taghhom u bi flushom, allura u per konsegwenza mhux applikabbli din iz-zieda fil-konfront tieghu u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed ikun michud;

14. Kwantu t-tieni aggravju fejn l-appellant jghid li l-ewwel Qorti kellha tapplika l-piena fil-minimu taghha fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-appellant jerga' jsostni li d-droga kienet intiza sabiex tkun konsmata f'party ma' shabu. Jerga jaghmel referenza ghall-interpretazzjoni drakonjana tal-*proviso* u li huwa bniedem ta' kondotta nadifa. Anke hawn, il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod ghaqli u ragjonevoli ghal-piena li jgorru dawn iz-zewg imputazzjonijiet, jigifieri ghal dik karcerarja minn sitt xhur sa ghaxar snin, u bl-applikazzjoni tal-aritkolu 17(b) tal-Kap 9. Konsegwentement ma tara ebda

raguni ghaliex ghandha tmur kontra l-prassi stabilita li bhala Qorti ta' revizzjoni ma ghandhiex, fin-normalita', tirrimpjazza d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti fil-piena erogata.

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.